# 90. Bħall-Wiżża u d-Dell Tagħha

Ġol-ilma tal-għadira
li qiegħda f'nofs il-ġnien
il-wiżża u d-dell tagħha
mexjin it-tnejn flimkien;

It-tnejn żewġ wiżżiet bojod
imwaħħla ma' xulxin,
bħal żewġt iqlub f'qalb waħda
flimkien dejjem mexjin:

Mexjin waħda taħt l-ilma
u l-oħra miexja fuq,
ħsieb wieħed fl-ilma safi
lilhom dejjem isuq.

Ħanina, kun dell tiegħi,
ħa nimxu t-tnejn flimkien
bħall-wiżża u d-dell tagħha
fl-għadira ta' ġol-ġnien;

Kun il-qalb l-oħra f'qalbi,
ħsieb wieħed lilna t-tnejn
isuq fl-ilma tal-ħajja
u f'dak taż-żmien li ġej.